MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2005

Appell Civili Numru. 177/2003/1

**The Golden Shepherd Group Limited**

**vs**

**Hayes Insurance Agency Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-7 ta’ Dicembru, 2004, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat il-25 ta’ Marzu tas-sena 2003 li permezz tieghu s-socjeta’ attrici sejhet lis-socjeta’ konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m’ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas is-somma ta’ erbat elef seba’ mija u sebgha u tmenin Lira Maltin, (LM4,787.00,0), lis-socjeta’ attrici, liema somma tirraprezenta bilanc ta’ prezz dovut ghar-rekoveru u l-kura tal-pazjenta Evgenia Jukova, ta’ nazzjonalita’ Russa, fis-“St.Philip’s Hospital” u servizzi medici relatati;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-20 ta’ Dicembru tas-sena 2002 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata t-23 t’April tas-sena 2003 li permezz taghhom s-socjeta’ konvenuta ecceppiet is-segwenti:

1. Illi s-socjeta’ konvenuta m’ghandhiex relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici ghall-hlas tas-somma pretiza;

2. Illi l-pazjenta Evgenia Jukova li nghatat kura fl-isptar “St.Philip’s” ma kienetx assikurata ma’ u lanqas rapprezentata mis-socjeta’ eccipjenti li ntervjeniet fil-kwistjoni biss bhala korrispondenti ta’ kumpanija ta’ assistenza;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ezagerat;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet il-provi prodotti;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal tar-rapprezentanti legali tal-partijiet datat id-29 ta’ Settembru tas-sena 2004 li permezz tieghu nformaw lill-qorti li kienu ttransigew is-sorte izda ma qablux fuq il-kap ta’ l-ispejjez;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta’ attrici datata l-15 ta’ Novembru tas-sena 2004;

Rat ukoll in-nota responsiva tas-socjeta' konvenuta datata l-24 ta' Novembru tas-sena 2004;

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm il-partijiet infurmaw lill-qorti li huma wasslu ghal xi forma ta' ftehim bejniethom dawn jidhru li naqsu jinfurmawha bid-dettalji ta' l-istess;

Illi ghaldaqstant hu d-dover taghha li xorta tesplora l-meritu tal-kaz involut li jista' sintetikament jigi espost bil-mod segwenti:

1. Illi fil-perjodu bejn is-27 t'Awissu u l-4 ta' Settembru tas-sena 2002 certa Evgenia Jukova kienet giet rikoverata b'urgenza fl-isptar San Filep, ta' Santa Venera, wara li l-kura lilha moghtija fi sptar iehor rrizultaw nocivi ghaliha;

2. Illi din Jukova kienet assigurata mas-socjeta' Coris li fis-suq in dizamina hi maghrufa bhala "assistant company";

3. Illi s-socjeta' konvenuta hija s-socjeta' korrispondenti ta' din is-socjeta' estera indikata fil-paragrafu precedenti;

Ikkunsidrat:

Illi stante li s-socjeta' assigurattrici estera m'ghandha l-ebda sit kummercjali f'Malta hi rapprezentata lokalment mis-socjeta' konvenuta;

Illi ghalhekk kull dritt jew lanjanza li terzi jista' jkollhom fil-konfront ta' din is-socjeta' estera jistghu jigu ndirizzati direttament lil din is-socjeta' rapprezentattrici;

Illi altrimenti, l-bona fede tant necessarja u rikjesta f'dan il-kamp hekk delikat ittir mar-rih b'detriment ghall-istess kummerc f'dan il-qasam;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta assodat li l-pazjenta fuq indikata kienet assigurata mas-socjeta' Coris;

Illi s-socjeta' rapprezentattrici taghha f'Malta hi s-socjeta' konvenuta u ghalhekk hu inutili li teccepixxi l-estraneita' tar-relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u konsegwentement qed tirrespingi l-ewwel eccezzjoni;

Illi ghalhekk din is-socjeta' konvenuta hi obbligata taghmel tajjeb fin-nuqqas tas-socjeta' li qed tirrapprezenta;

Illi ghalhekk, it-tieni eccezzjoni hi respinta wkoll;

Ikkunsidrat:

Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-kwantum mitlub mis-socjeta' attrici, din il-qorti hi sodisfatta li l-ammont pretiz u effettivament dovut skond kif ipprovat mid-dokumentazzjoni prodotta mill-istess socjeta' attrici li bl-ebda mod ma gie konfutat mis-socjeta' konvenuta;

Ghaldaqstant din il-qorti, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati mis-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' Hayes Insurance Agency Limited biex thallas l-ammont ta' erbat elef, seba' mija u sebgha u tmenin Lira Maltin, (LM4,787.00,0), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ittra ufficjali ta' l-20 ta' Dicembru tas-sena 2002."

Is-socjeta` konvenuta hassitha aggravata b' din id-decizjoni u minnha interponiet appell quddiem din il-Qorti bl-aggravji li jsegwu:-

(1) Fl-ewwel lok, il-Qorti nferjuri ghamlet zball manifest ta' fatt u ta' dritt dwar l-aspett tar-relazzjoni guridika bejn il-kontendenti;

(2) Fit-tieni lok, dik l-istess Qorti waslet ghall-konkluzjoni zbaljata dwar ir-responsabilita` taghha ghall-hlas tal-kreditu pretiz mis-socjeta` attrici;

(3) Fl-ahharnett, l-istess Qorti naqset li tiehu konjizzjoni tal-fatt illi s-sorte kien gie sodisfatt fil-mori tal-kawza;

Jibda biex jigi registrat b’ mod generali illi, minghajr ebda dubju, is-sentenza appellata tikkontjeni diversi inezattezzi u zbalji, kemm ta’ fatt kif ukoll ta’ dritt. Dan qed jinghad in kwantu jidher bil-wisq manifest illi l-ewwel Qorti ma analizzatx kif kien jixraq il-provi attendibbli biex tistabbilixxi ezatt id-diversi relazzjonijiet guridici li l-kaz kien jimmerita;

Ghal dak li ser jigi rifless aktar ‘il quddiem huwa necessarju li jigu ri-epilogati dawn il-fatti:-

1. Il-pazjenta Evgenia Jukova, li ghar-rikoveru u kura taghha fl-isptar St. Philip qed jintalab il-hlas mis-socjeta` attrici, proprjetarja ta’ l-istess Sptar, kienet assigurata mas-socjeta` Russa Reso Garantiya ghall-assistenza medika (ara dokumenti minn fol. 56 sa fol. 58). Dan il-fatt kien ukoll maghruf mis-socjeta` attrici li esebiet dokumenti a fol. 13 u 14 indikanti l-isem tal-precitata socjeta` assiguratrici estera;

2. Is-socjeta` Coris, li ghandha korrispondenti f’ bosta pajjizi (ara dokument a fol. 27), m’ hijiex socjeta` assiguratrici izda “*assistant company*” appuntata mill-assigurazzjoni biex tassistiha ghal dawk li huma htigijiet ta’ l-assigurati taghha, presumibilment meta dawn ikunu msiefra;

3. Is-socjeta` konvenuta hija korrispondenti f’ Malta tas-socjeta` Coris izda mhux ukoll agenti lokali tas-socjeta` assiguratrici Reso Garantiya. Dan jirrizulta kemm mix-xhieda ta’ Monica Gaglione, direttrici tas-socjeta` konvenuta (fol. 41) kif ukoll mid-deposizzjoni tat-Tabib Frank Portelli (fol. 38). Dan ta’ l-ahhar fil-fatt jistqarr hekk

in kontro-ezami; “Ghalkemm ahna nikklejmjaw minghand l-*insurance* dawn jirreferuna ghall-*assistant companies* taghhom. Jien zgur illi dawn irrifjutaw jiddiljaw maghna u ndikawlna l-*insurances* lokali illi ghandhom marbutin maghhom. Li jsir hu illi per ezempju Hayes hallsuna f’ kaz ta’ pazjenta ohra ghan-nom ta’ l-*assitant company* Coris bhal ma hu f’ dan il-kaz”;

4. Is-socjeta` konvenuta qatt ma accettat il-kontijiet tal-persuni li tassisti billi, skond Monica Gaglione, “il-klijenta mhix assigurata mas-socjeta` konvenuta” (fol. 42). Il-kompitu taghha hu dak ta’ assistenza u li tghaddi l-flus lil min hu intitolat ghalihom wara li tircievi l-flus minghand is-socjeta` assitenta (fol. 50);

Premessi dawn il-fatti, huwa ferm ovvju illi l-ewwel Qorti bbazat ir-ragonament kollu taghha fuq premessa ghal kollox zbaljata. Is-socjeta` Coris ma kienetx l-assigurazzjoni li assumiet l-obbligu tal-hlas fil-kaz tal-pazjenta Jukova. Hekk ukoll is-socjeta` appellanti ma kienetx ir-rapprezentanti ta’ l-imsemmija socjeta`. Ankorke dan kien hekk il-kaz din ir-rapprezentanza kellha, b’ necessita` proceduràli, tigi raffigurata f’ rapprezentanza processwali. Kif maghruf, in linea ta’ principju biex wiehed jagixxi kontra socjeta` jew ditta lokali li hija rapprezentanti jew agent ta’ socjeta` jew ditta estera huwa ghandu jagixxi kontra s-socjeta` jew agent lokali mhux personalment, imma bhala rapprezentant jew agent tas-socjeta` jew ditta ta’ barra. Ara b’ ezemplari f’ dan is-sens **Kollez. Vol. XLI P III p 1228**. F’ dan il-kaz ma sarx hekk u l-ewwel Qorti ghaddiet biex assumiet li s-socjeta` appellanti kienet responsabbli personalment ghall-hlas avolja hi stess qiesitha bhala socjeta` rapprezentatrici f’ Malta tas-socjeta` Coris u avolja wkoll irragunat li s-socjeta` appellanti hi obbligata taghmel tajjeb fin-nuqqas tas-socjeta` li qed tirrapprezenta. Spropozitu guridiku dan li ma jistax jigi accettat billi, apparti li dan l-obbligu ma jirrizulta minn imkien mill-atti, lanqas hu konsentit illi s-socjeta` appellanti sservi ta’ alternattiv daqslikieku kienet is-socjeta` debitrici principali;

Is-socjeta` attrici apellata tibbaza t-tezi taghha li l-kumpanija konvenuta ghandha relazzjoni guridika u diretta maghha fuq dawn is-sottomissjonijiet:-

i. Gjaladarba s-socjeta` konvenuta hija rapprezentanti tas-socjeta` Coris u gjaladarba din ta' l-ahhar hi kontrattwalment marbuta mal-kumpanija assigurattiva Reso Garantiya sabiex tiehu responsabilita` ghall-*claims* ta' natura medika, *ergo* l-"*assistant company*" hi legalment responsabbli lejn l-assigurati tal-kumpanija ta' l-assigurazzjoni;

ii. Stante r-relazzjoni legali bejn Coris u s-socjeta` appellanti hi kellha kull dritt li zzomm lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghall-ispejjez tar-rikoveru u kura tal-pazjenta;

Issa anke kieku kellu jigi accettat, *gratia argomenti,* illi tabilhaqq is-socjeta` Coris assumiet fuqha r-responsabilita` ghall-*claims* dan ma jfisserx li hi assumiet ukoll ir-responsabilita` personali tal-hlas ta' l-istess *claims* izda se mai li tipprocessahom u titratta dwarhom ghan-nom tas-socjeta` assiguratrici. Biex jigi hekk assunt li tezisti relazzjoni diretta, li bhala rizultat s-socjeta` appellanti jew Coris assumew ir-responsabilita` tal-hlas, tali ftehim irid jirrizulta b' mod esplicitu, car u univoku, li ma huwiex il-kaz hawnhekk. Anzi jirrizulta l-kontra billi mhux biss hemm id-dikjarazzjoni car u nkontradetta ta' Monica Gaglione illi s-socjeta` appellanti qatt ma accettat li thallas il-kontijiet imma, ukoll, ma gie prodott ebda dokument attestanti accettazzjoni ta' tali responsabilita` mis-socjeta` appellanti. L-ewwel Qorti kellha tkun gwidata mill-provi li kellha quddiemha u mhux tassumi responsabilita` personali tas-socjeta` appellanti fejn din, fir-realta` processwali, ma tezistix;

Innegabilment, imbaghad, it-tielet aggravju hu wkoll sew fondat. Meta l-ewwel Qorti ghaddiet biex tiddeciedi anke dwar is-sorte jidher li injorat kompletament il-verbal

taghha tal-25 ta' Marzu 2004 (fol. 60) fejn, wara li gie spjegat lilha li s-sorte kien ser jigi transatt, il-kawza giet imhollija "ghat-trattazzjoni fuq il-kap ta' l-ispejjez", li dwarhom ma kienx intlahaq ftehim. Ara wkoll Verbal tad-29 ta' Settembru 2004 (fol. 63) fejn ghal darb' ohra l-Qorti giet informata bit-transazzjoni u bil-fatt tan-nuqqas ta' qbil fuq il-kap ta' l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi u in bazi ghall-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula din il-Qorti qed tilqa' l-appell interpost mis-socjeta` konvenuta u b' hekk tirrevoka s-sentenza appellata. L-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew mis-socjeta` attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------